**Qorti Ċivli**
**(Sezzjoni Tal-Familja)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D, Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur Law)**

**Illum 17 ta' Ottubru, 2023**

Rikors Numru: 226/21 AL

**A B**

**Vs**

**C D E [Passaport Olandiż bin-numru X] kif rappresentata lokalment minn bint il-partijiet F B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur li permezz tiegħu ppremetta:

1. *Illi r-rikorrenti iżżewweġ lill-intimata fil-01 ta' Ġunju 1983 u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal, it-tnejn maġġorenni – Dokument 'B', kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ.*

2. *Illi f'Lulju 2005 il-kontendenti infirdu minn xulxin billi kull parti marret tgħix separatament mill-oħra u kull parti ħadet dak li kien jispetta lilha/lilu mill-*

[1] Fol 1 sa 2

*patrimonju tagħhom b'dan illi r-rikorrenti Guido Critien ġie jirrisjedi lura Malta fil-waqt li martu baqgħet tgħix barra minn Malta, fejn għadhom jirrisjedu rispettivament sallum.*

3. *Illi ma hemm ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;*

4. *Illi r-rikorrenti, li żammew bejniethom l-aħjar relazzjoni ċivili possibbli u li qasmu kollox bejniethom meta iddeċidew li jisseparaw, iħossu li għandhom jaqtgħu ukoll kull rabta minn ma' xulxin u jixtiequ li jużufruwixxu ruhhom minn dak li jipprovdi is-subtitolu IV tat-Titolu 1 tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili (kif ġie emendat bl-effetti tal-Att XIV tas-sena 2011) u allura li jiddivorzjaw minn xuxlin b'mod li kull legam bejntiehom jinqata' darba għal dejjem.*

5. *Illi ma hemm ebda ħlas ta' manteniment dovut minn parti lil oħra, u dan ai termini tal-ftehim verbali raġġunt bejn il-partijiet u del resto skont kif ġie dikjarat, parzjalment fil-prokura li ingħatat mill-mara lil bintha, debitament iffirmata quddiem in-nutar Patrick Critien, li kopja tagħha qed tiġi hawn unita għall-aħjar istruzzjoni ta' dawn il-proċeduri – Dok 'A' u skond ma hija lesta li tiddikjara anke quddiem din l-Onorabbli Qorti jekk il-Qorti tħoss li dan huwa meħtieġ.*

6. *Illi r-rikorrent jirrisjedi hawn Malta filwaqt li l-konvenuta martu tirrisjedi barra minn Malta, iżda tiġi Malta regolarment biex tivvista lil bintha li hija għażlet li taħtar sabiex tippresentaha f'dawn il-proċeduri – Dok. "C".*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti għal raġunijiet fuq mogħtija u stante li ilhom jgħixu separatament minn xulxin għal aktar minn ħmistax-il sena u peress li ma hemm ebda possibilita` ta' rikonċiljazzoni bejniethom,*

2. *Ixxolji u tittermina il-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti li ma tinkludi ebda proprieta immobiljarja u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti ġia ġew maqsuma bonarjament bejn il-partijiet a sodisfazzjon tagħhom u kull parti hija, għalhekk, in pussess ta' dak li jispetta lilha u huma pjenament sodisfatti mill-qasma li saret.*

3. *Tordna li ebda parti ma għandha tħallas xi manteniment lill-parti l-oħra u dan skond ma ftehmu bonarjament l-istess partijiet.*

4. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien stabbilit minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żweġ tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku – kollox skont kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuw premessi.*

   *Bl-Ispejjeż li jiġu sopportati egwalment bejn il-kontendenti"*

Rat il-Lista tax-Xhieda u d-dokumenti esebiti[2]

Rat id-digriet tat-8 ta' Ottubru, 2021 bl-appuntament għas-smiegħ;

Rat ir-rikors tal-attur tal-5 ta' Novembru, 2021;

Rat id-digriet tat-8 ta' Novembru, 2021;

Rat li fl-10 ta'Jannar, 2022 l-mandatarja tal-konvenuta ġiet notifikata bl-Avviż ta' Smiegħ biss;[3]

Rat li fl-udjenza tal-22 ta' Frar, 2022 dehru l-partijiet;

Rat l-affidavits tal-partjiet u l-atti kollha;

Rat il-provvediment tas-6 ta' Lulju, 2023;[4]

Rat in-nota tal-attur tal-10 ta' Awwissu, 2023;[5]

Rat l-provvediment tal-20 ta' Settembru, 2023;

Rat in-nota tal-konvenuta kif debitament rappreżentata tal-28 ta' Settembru, 2023, fejn l-konvenuta kif debitament rappreżentata tikkonferma li m'għandha l-ebda oġġeżżjoni għall-azzjoni kif proposta mill-attur;

Rat ir-Rikors konġunt tal-partijiet tat- 12 t'Ottubru, 2023;

Rat li permezz tal-istess rikors tat- 12 t'Ottubru, 2023 u nota tat- 28 ta' Settembru, 2023, l-partijiet ottemperaw ruhhom mal-provvedimenti tal-Qorti tas-6 ta' Lulju 2023 u tal-20 ta' Settembru, 2023, u ngħata d-debita awtorizzazzjoni meħtieġa *ai termini* tal-Artikolu 66I tal-Kodiċi Ċivili;

---

[2] Fol 2a sa 5
[3] Vide ir-riferta fuq l-folder a fol 7
[4] Fol 28
[5] Fol 29

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66Ċ, 66D, 66Ġ, 66H, 66I, 66L, u 66N tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Rat illi r-rikors tħalla għad-deċiżjoni illum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti rat li l-azzjoni odjerna hija talba da parti tal-attur għall-ħall taż-żwieġ bejn il-partjiet, fejn minkejja li ilhom *de facto* separati minn xulxin għal żmien konsiderevoli, ma humhiex separati legalment permezz ta' kuntratt pubbliku jew sentenza. Mir-rikors ġuramentat, l-affidavit tiegħu u l-provi li jinsabu in atti jirriżulta li:

(i) Il-partijiet iżżewġu f'Malta fl-1 ta' Ġunju, 1983, minn liema żwieġ twieldu żewġt itfal li t-tnejn huma maġġorenni;
(ii) Ilhom *de facto* separati minn xulxin sa mis-sena 2005;
(iii) Ma hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni;
(iv) Il-partijiet ma fadlilhom ebda pretensjoni fil-konfront ta' xulxin, inkluż manteniment;
(v) L-attur għamel talba sabiex tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti. Fl-affidavit tiegħu huwa jispjega kif meta sseparaw *de facto* l-partijiet diġa` qasmu dak kollu li kellhom u li m'għandhom xejn iktar x'jiddividu.
(vi) Jirriżulta li l-konvenuta m'għanda l-ebda oġġezzjoni għat-talbiet tal-attur peress li tikkonferma dak kollu li jgħid l-attur u f'dan is-sens ippreżentat l-affidavit tagħha u nota fejn terġa ttenni li m'għandha l-ebda oġġezzjoni għat-talbiet tal-attur kif dedotti.

Il-Qorti hija sodisfatta li l-attur rnexxielu jissodisfa ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex ż-żwieġ jiġi maħlul u dana peress hekk kif jirriżulta illi:

(i) Fid-data li nbew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin kienu jgħixu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti;
(ii) Ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin kif ikkonfermat mill-partijiet innfisshom. Ġew osservati wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 6G u 66H tal-Kodiċi Ċivili; u
(iii) Il-miżżewġin irrinunzjaw għad-dritt li jirċievu manteniment mingħand xulxin, u b'hekk ma hemmx pretensjoni ta' manteniment.

Barra minn hekk u fid-dawl li din it-talba għall-ħall taż-żwieġ qiegħda tintalab filwaqt li l-partijiet ma humiex legalment separati, u ċioe ma hemm l-ebda kuntratt jew sentenza li tirregola l-firda personali tagħhom, il-Qorti aċċertat ruħha illi ġiet segwita l-proċedura kontemplata f'Artikolu 66I tal-Kodiċi Ċivili fis-sens illi l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex l-attur seta' jipproċedi bil-kawża ta' divorzju odjerna ġiet sodisfaċjentament akkwistata.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża u qed tilqa' t-talbiet tal-attur billi

1. Tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna l-xoljiment u t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet b'effett immedjat u in vista tal-fatt li l-partijiet ddikjaraw b'mod espress li bi qbil bejniethom diga` qasmu dak kollu li kien jikkonsisti fil-komunjoni tal-akkwisti u li m'għandhom l-ebda pretensjoni kontra xulxin, konsegwentement il-Qorti tordna li kull parti jiġi assenjat bil-ġid u l-passiv kollu li għandu f'ismu, sabiex b'hekk isiru sidien assoluti tal-istess ġid u passiv;

3. Tordna li l-ebda parti m'għandha tħallas manteniment u dan in vista tar-rinunzja reċiproka u definittiva tal-istess partijiet;

4. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

L-Ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.